MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1704/2003

**Bruno Mario Ellul**

**vs**

**Christopher Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvneut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u tnax il-lira Maltin u tletin centezmu (Lm1312.30) rapprezentannti hsarat kagunati fil-vettura bin--numru tar-registrazzjoni BAT 945 propjeta' tal-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Gunju 2003, fi Triq Sant'Anglu, Zejtun liema ncident sar tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-istess konvenut u dan prevja dikjarazzjoni li ghall-istess incident kien jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Awissu 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mit-3 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Rispossta tal-konvneut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvneut ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Gunju 2003 fi Triq Sant’Anglu, Zejtun.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Sema x-xhieda ta’ PS 1429 Eric Mangion, tal-konvneut u ta’ Emanuela Schembri. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-attur u ta’ Philip Attard, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Gunju 2003, fi Triq Sant’Anglu, Zejtun bejn il-vettura bin-numrui tar-registrazzjoni BAT 945 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF 227 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu tiela’ minn Misrah Karmenu Grima ghal Triq Sant’Anglu, z-Zejtun. Huwa kien dahal fi Triq Sant’Anglu meta f’daqqa wahda mid-direzzjni opposta, kontra s-sinjali tal-One Way u b’velocita’ eccessiva giet il-vettura misjuqa mill-konvenut. L-attur jispjega li huwa prova jevita l-vettura tal-konvneut billi dawwar il-vetura tieghu izda xorta wahda sehh l-impatt. Il-vettura misjuqa mill-konvenut habtet fuq il-faccata ta’ quddiem tal-vettura misjuqa mill-attur. Dejjem skond l-attur, il-konvenut tant kien qed isuq b‘velocita’ li baqa’ diehel fil-kancell tal-iskola u fil-pilastru tal-istess kancell.

Il-konvnerut min-naha l-ohra xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni GAF 227 fi Triq Sant’Anglu, iz-Zejtun u kien qed isuq fuq in-naha tal-

lemin tat-triq meta f'daqqa wahda giet il-vettura misjuqa mill-attur fuq in-naha l-hazina tat-triq u sehh l-impatt. Dejjem skond il-konvenut, l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bis-sahha u bhekk tefghu fil-kancell tal-iskola bid-daqqa. Il-konvenut xehed ukoll li huwa ma jaqbilx mal-iskizz fis-sens li l-vettura tieghu kienet qiesa parkeggjata bi dritt il-kancell tal-iskola. Huwa ma jaqbilx mal-*brake marks* li jidhru wara l-vettura tieghu u jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet man-naha tal-passiggier fuq quddiem. Il-konvenut jispjega I huwa ma kienx jaf li t-triq li kien qed isuq fiha kienet *One Way. A tempo vergine* (ara verzjoni tal-konvenut kif riportata fir-*Road Accident Report* a fol. 29 tal-process) il-konvenut qal hekk *"Kont niezel minn Triq Sant'Anglu, Zejtun, meta f'daqqa wahda hareg Seat No. BAT946 minn Misrah Kamenu Grima u saq ghal go fiha u tani daqqa u tefghani gol-gate".* Jidher ghalhekk *li a tempo vergine* il-konvenut ma semma xejn dwar il-fatt li l-attur kien qed jipprocedi fuq in-naha l-hazina tat-triq izda qal biss li l-attur qabad u hariglu minn Misrah Karmwnu Grima.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi mressqa mill-partijiet u jidhirlu li jirizulta inekwivokabilment li l-kawza prossima tal-incident de quo kien is-sewqan traskurat u kontra r-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut li mhux biss kien qed isuq kontra l-*One Way*, kif gie konfermat mill-Pulizija li nvestiga l-kaz, imma kien anki qed isuq b'velocita' eccessiva kif jirrizulta mill-*brake marks* riportati fuq l-iskizz wara l-vettura tieghu u anki mill-entita' tal-hsarat kagunati fil-vetura tal-attur u fil-kancell tal-iskola. Inoltre mill-iskizz ma jirrizultax lli l-attur kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq.

il-quantum ta-danni reklamati mill-attur bl-ebda mood ma gew kontestati mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-istess attur esebixxa l-ircevuti relattivi ghad-danni minnu mitluba, liema danni jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u tnax il-Lira Maltin u tletin

centezmu (Lm1312.30) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezetnata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ipsejjeds ta' din l-istanza ghandhom jigu soppotati nterament mill-konvernut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------